MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Numru. 1337/2010

**Illum 28 ta' Gunju 2012**

**Il-Pulizija**
**Spettur Arthur Mercieca**

**Vs**

**Godwin Desira**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Godwin Desira bin Carmelo u Rita nee' Abela, imwieled fid-09 ta' Novembru 1980 u residenti 'St. Nicholas', Triq Xrob l-Ghagin, Sqaq Nru. 7, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' numru 525480(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-18 ta' Lulju 2010, ghall-habta tat-13:30hrs gewwa Triq Santa Katerina, Zejtun k/m Triq Toni Zahra:

(1) Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAS-548, u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' M' Theresa Vella skond kif iccertifika Dr. Mark Schembri M.D mill-MDH u fuq Carmen Demicoli skond kif iccertifikat Dr. Maria Camilleri MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob lil Qorti li huwa jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 9 ta' Jannar, 2012 (esebita a fol. 72 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

fl-Artikoli 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
fl-Artikoli 226(1)(a), 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
fl-Artikoli 15 (1)(a), 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-13 ta'Jannar, 2012 l-imputat iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fit-18 ta' Lulju, 2010 ghall-habta ta' 13.30 hrs fi Triq Santa Katerina kantuniera ma' Triq Toni Zahra, z-Zejtun

bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAS 548 misjuqa mill-imputat Godwin Desira u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBM 016 misjuqa minn Carmen Demicoli fejn din tal-ahhar u l-passiggiera li kellha maghha, Marthese Vella, sofrew griehi ta’ natura gravi per durata u per natura rispettivamemt filwaqt li l-imputat u l-passiggier li kellu mieghu, Gioswe’ Spiteri, sofrew griehi ta’ natura hafifa.

Carmen Demicoli li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-11 ta’ Frar, 2011 u tas-17 ta’ Novembru, 2011 issostni li hija kienet wieqfa fuq l-Istop Sign li hemm fit-tarf ta’ Triq Toni Zahra qed tesplora t-triq bl-intenzjoni li taqsam Triq Santa Katerina. Hija tghid li harset lejn il-lemin u lejn ix-xellug taghha u lejn il-mera li hemm faccata ta’ fejn kienet wieqfa hi u waqt li kienet qed taghmel dan gie l-vann misjuq mill-imputat min-naha tal-lemin taghha u baqa’ diehel fiha fuq in-naha tal-lemin lejn quddiem tal-vettura taghha. Hija tghid li l-vann li kien misjuq mill-imputat imbaghad baqa’ diehel f’hajt li hemm man-naha tal-lemin tieghu. Demicoli tispjega wkoll li bhala konsegwenza tal-incident hija sofriet griehi fir-*wrist* tax-xellug fejn saritilha operazzjoni u gew inseriti *plate* u *screws* fl-imsemmi *wrist*.

L-imputat Godwin Desira ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta’ Frar, 2012 fejn huwa spjega li kien ghaddej ghad-dritt fi Triq Santa Katerina, z-Zejtun qed isuq il-vann tieghu Toyota pick up gej mid-direzzjoni tac-centru taz-Zejtun u sejjer lejn Bulebel/Tarxien meta harget il-vettura misjuqa minn Demicoli minn fuq Stop Sign minn triq laterali man-naha tax-xellug tieghu u dahlet fih u mbuttatu f’hajt li kien hemm man-naha tal-lemin tieghu. Huwa jghid li kien qed isuq b’velocita’ ta’ madwar 40 kilometru fis-siegha u in kontro-ezami jghid li kien aljenat u ma rahiex gejja.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-iskizz imhejji minn PS 827 Edward Grech u li jinsab inserit a fol. 26 tal-atti processwali jirrizulta b’mod ghal kollox evidenti u minghajr ombra ta’

dubju li l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament tort ta' Carmen Demicoli s-sewwieqa tal-vettura bin-nurmru tar-registrazzjoni DBM 016 li qabdet u harget minn fuq Stop Sign u qasmet *main road* minghajr ma qabel esplorat it-triq kif kienet tenuta li taghmel. Fuq l-iskizz hemm indikat l-*ispot of impact* fejn hemm indikazzjoni cara li l-impatt sehh fuq Triq Santa Katerina u ben oltre l-Istop Sign  minn fejn harget Demicoli. Dan jindika li l-verzjoni taghha fejn hija qalet li ntlaqtet waqt li kienet wieqfa fuq l-Istop Sign ma tistghax titwemmen. Mill-istess skizz jirrizulta pjuttost evidenti li Triq Santa Katerina hija l-*main road* fil-konfronti ta' Triq Toni Zahra. Dan jinghad ghaliex hemm Stop Sign fuq iz-zewg nahat ta' Triq Toni Zahra u cioe' fiz-zewg nahat fejn din itr-triq tizbokka fuq Triq Santa Katerina. Inoltre l-prezenza tal-mera li hemm faccata ta' minn fejn kienet hierga Demicoli hija ndikazzjoni ulterjuri li Triq Santa Katerina hija l-*major road* fil-konfronti ta' Triq Toni Zahra. Huwa ghalhekk pjuttost evidenti li l-obbligu li tieqaf u tesplora t-triq kif suppost qabel ma tohrog fuq Triq Santa Katerina kien jispetta lil Carmen Demicoli u huwa ghaldaqstant ovvju li hija qabdet u harget minn fuq *stop sign* u minn triq laterali ghal fuq il-*main road* minghajr ma ghamlet dan.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li tindika li kien hemm xi sewqan traskurat jew perikoluz jew xi nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li kien il-*main road user* u li ma kellu ebda obbligu li jieqaf f'salib it-toroq. Mill-iskizz inoltre ma jirrizultax li kien hemm *brake marks* imhollija mill-vettura misjuqa mill-imputat u minn imkien iehor mill-provi ma jirrizulta li huwa kien qed isuq b'velocita' aktar milli jmissu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------